# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   28**

**Avviz  numru       282/99/SM**

**SPICAT JCB Limited**

**vs**

**Patrick Delia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltin ul sebgha u tletin centezmu (LM593.37,0), rapprezentanti valur ta' "steam cleaner" mibjugh minnu ghan-nom tas-socjeta' attrici meta kien jahdem maghha, liema ammont kien thallas minn terzi lilu direttament pero hu ma ghaddiehx lis-socjeta' attrici;**

2. Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 t'April ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici messha harrket lit-terzi li lilu sar il-bejgh, skond il-ligi, u ghalhekk l-eccipjent mhuwiex legittimu kontradittur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ma rceviex l-ammont indikat fl-avviz odjern izda l-ammont ta' mija u ghoxrin Liri Maltin (LM120.00,0);

3. Illi in oltre l-kontendenti kienu ftehmu li ghandhom isiru l-konteggi bejniethom ghar-rigward ta' "commissions" u "overtime" li ghalihom hu ntitolat l-istess eccipjent minghand is-socjeta' attrici, b'mod illi kellu jirrizulta li huwa l-eccipjent li ghandu jiehu minghand is-socjeta' attrici. Dwar tali "commissions" u "overtime" l-eccipjent qed jirriserva espressament id-dritt tieghu li jagixxi kontra s-socjeta' attrici;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala "salesman";

2. Illi l-oggett meritu ta' din il-kawza huwa "steam cleaner" li l-konvenut jikkonferma li bieghu f'Ghawdex lil certu Vincent Zammit;

3. Illi pero' jirrizulta li dan il-konvenut ma thallasx l-ammont intier ta' dan l-isteam cleaner izda biss mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM120.00,0);

**4. Illi dan l-ammont qatt ma ghadda lis-socjeta' attrici;**

**5. Illi s-socjeta' attrici qatt ma ressqet prova tal-valur proprju ta' l-oggett in dizamina;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess filwaqt li tichad it-talba attrici in parte stante li ma resqet l-ebda prova rigward il-valur ta' l-oggett de quo, pero' in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut li hu kien li biegh l-oggett in dizamina u li l-ammont ta' mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM120.00,0), minnhu migbura jirrigwarda l-imsemmi oggett meritu ta' din il-kawza, allura filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talba attrici limitatament ghal dan l-ammont u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Patrick Delia biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM120.00,0), fuq indikati, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**